32006R1257

22.8.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 228/17

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1257/2006

tal-21 ta' Awwissu 2006

li japprova l-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet ta' indikazzjoni ġeografika li tidher fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Nocciola di Giffoni) [IGP]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-ikel [1], u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u skont l-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni eżminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni tal-emendi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Nocciola di Giffoni".

(2) It-talba għandha l-iskop li temenda l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-elementi li jagħtu prova li l-prodotti agrikoli joriġinaw miż-żona ġeografika, ir-regoli speċifiċi tat-tikketti u r-rekwiżiti li għandhom jiġu rispettati skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

(3) F'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi li jagħtu prova li l-prodotti agrikoli joriġinaw miż-żona ġeografika, l-emenda għandha l-għan li tispeċifika li minbarra l-obbligu li jżommu reġistri tal-biċċiet ta' art għall-komuni kkonċernati, il-produtturi għandhom iżommu reġistri ta' produzzjoni u jiddikjaraw il-kwantitajiet prodotti.

(4) F'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli speċifiċi tat-tikketti, is-simbolu grafiku tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata ġie emendat u l-ispeċifikazzjonijiet issa jispeċifikaw li dan is-simbolu grafiku għandu jidher fuq it-tikketta tal-prodotti agrikoli kkonċernati.

(5) F'dak li għandu x'jaqsam mal-esiġenzi li għandhom jiġu rispettati skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali, ir-referenzi għal testi ta' applikazzjoni elaborati mir-reġjun tal-Campania dwar il-metodu ta' produzzjoni u l-kontrolli ġew revokati.

(6) Wara l-investigazzjoni tat-talba msemmija għal emenda, ġie kkunsidrat li din l-emenda minn naħa waħda tikkonforma mal-eżiġenzi tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u min-naħa l-oħra hija waħda minuri. Dan l-aħħar fattur ġie konkluż għax l-emenda ma tapplikax għall-karatteristiċi essenzjali tal-prodott u ma tbiddilx il-konnessjoni li għandu maż-żoma ġeografika.

(7) Għalhekk, għall-indikazzjoni ġeografika protetta "Nocciola di Giffoni", għandha tiġi approvata l-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet stabbilita fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, mingħajr ma tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2) u fl-Artikolu 7 tar-Regolament imsemmi.

(8) Għandhom ukoll jiġu ppubblikati l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006. B'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament imsemmi, dan jimplika l-pubblikazzjoni ta' sommarju tal-ispeċifikazzjonijiet stabbilit b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 383/2004 [2].

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjoni ġeografika "Nocciola di Giffoni" huma emendati b'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Is-sommarju kkonsolidat li juri l-elementi prinċipali tal-ispeċifikazzjonijiet jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

[2] ĠU L 64, 2.3.2004, p. 16.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kunsill
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-emendi li ġejjin ġew approvati għall-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjoni ġeografika "Nocciola di Giffoni" (Italja):

1. fl-Artikolu 4, l-inċiżi li ġejjin huma revokati:

   — "L-użu ta' tekniki għall-kultivazzjoni u ta' tekniki agronomiċi għandu jsir skont l-arranġamenti indikati mis-servizzi kompetenti tar-Reġjun tal-Campania";

   — "F'dawn il-limiti, ir-Reġjun tal-Campania, wara li jiġu kkunsidrati l-evoluzzjoni tal-istaġun u l-kundizzjonijiet tal-ambjent għall-kultivazzjoni, kull sena tispeċifika, b'mod indikattiv, produzzjoni medja għal kull unità."

2. fl-Artikolu 5,

   — is-sentenza li ġejja:

   "Il-Ministeru tar-Riżorsi ta' l-Agrikoltura, ta' l-Ikel u tal-Foresti jindika l-arranġamenti li għandhom jiġu adottati għall-inklużjoni, għall-implimentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet annwali tal-produzzjoni u għal-liċenzji relatati għall-finijiet ta' kontroll korrett u opportun tal-produzzjoni rikonoxxuta u kkummerċjalizzata kull sena taħt indikazzjoni ġeografika."

   hija mibdula bis-sentenza li ġejja:

   "Barra minn hekk, il-prova tal-oriġini hija assigurata billi jinżammu reġistri ta' produzzjoni u bid-dikjarar fi żmien opportun tal-kwanitajiet prodotti."

   — is-sentenza li ġejja hija revokata:

   "Iż-żamma tal-kundizzjonijiet tekniċi xierqa bħalma huma dawk deskritti fl-Artikolu 4 hija assigurata mir-Reġjun tal-Campania."

3. fl-Artikolu 7,

   is-sentenzi li ġejjin:

   "B'talba mill-produtturi kkonċernati, jista' jintuża simbolu grafiku fit-tikketta. Dan is-simbolu jikkorrispondi mad-dehra artistika, inkluża l-bażi kolorimetrika li tintagħżel, tal-logo figurattiv jew tal-logo speċifiku u inekwivoku li għandhom jintużaw b'mod konġunt u mhux separat mal-indikazzjoni ġeografika.

   L-indikazzjoni 'magħmul fl-Italja' għandha wkoll tidher fuq il-lottijiet li jkunu sejrin jiġu esportati."

   huma mibdula bis-sentenzi li ġejjin:

   "Fit-tikkettar għandu jintuża s-simbolu distintiv tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta, li għandu forma ovali u fih il-kitba 'Nocciola di Giffoni'. Isfel, fuq in-naħa tal-lemin, hemm rappreżentazzjoni stilizzata ta' żewġ ġellewżiet fuq xulxin u isfel, fuq in-naħa tax-xellug hemm is-simbolu grafiku tal-indikazzjoni ġeografika protetta, kif jidher hawn taħt."

ANNESS II

SOMMARJU KKONSOLIDAT

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

"NOCCIOLA DI GIFFONI"

Nru KE: IT/117/1538/29.4.2004

DPO (.) IĠP (X)

Din il-formola hija sommarju li ġie stabbilit għall-finijiet ta' informazzjoni. Għal informazzjoni sħiħa, il-partijiet interessati għandhom il-libertà li jikkonsultaw il-verżjoni kollha tal-ispeċifikazzjonijiet, mingħand is-servizzi tal-awtoritajiet nazzjonali indikati fit-taqsima 1, jew mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea [1].

1. **Servizz kompetenti tal-Istat Membru:**

Isem:	Ministero delle Politiche Agricole e Forestali Dipartimento della Qualità dei Prodotti Agroalimentari e dei Servizi
Indirizz:	Via XX Settembre, 20 I-00187 Rome
Tel.:	06 481 99 68
Fax:	06 42 01 31 26
Email:	qtc3@politicheagricole.it

2. **Grupp li għamel it-talba:**

Isem:	Associazione produttori nocciole tonda di Giffoni
Indirizz:	via A. Russomando n.9 I-84095 Giffoni Valle Piana (SA)
Tel.:	089 86 64 90
Fax:	089 982 81 59
Email:	info@tondadigiffoni.it
Kompożizzjoni:	produtturi/proċessuri (X) oħrajn ( )

3. **Tip ta' prodott:**

Klassi 1.6 — Frott, ħaxix u ċereali friski jew ipproċessati

4. **Deskrizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet**

(sommarju tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(2))

4.1 *Isem:*

"Nocciola di Giffoni"

4.2 *Deskrizzjoni:*

L-indikazzjoni "Nocciola di Giffoni" tirrappreżenta esklussivament il-frott tal-bijotipi li jikkorrispondu għall-varjetà tassiġra tal-ġellewż "Tonda di Giffoni", prodotta fiż-żona ġeografika stabbilita fil-punt 4.3.

Meta toħroġ għall-bejgħ, in-"Nocciola di Giffoni" għandu jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

— frotta mnixxfa ta' daqs medju, mhux inqas minn 18 mm, tonda,

— qoxra ta' kulur kannella bi strixxi aktar skuri,

— ġewża tonda, ta' daqs mhux inqas minn 13 mm,

— il-laħma tal-frotta ta' kulur abjad, konsistenti, b'riħa pjaċevoli

[1] Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u tal-Iżvilupp Rurali, Politika ta' kwalità tal-prodotti agrikoli, B-1049 Brussell.

4.3 *Żona ġeografika:*

Iż-żona ta' produzzjoni tinkludi parti mit-territorju tal-provinċja ta' Salerno u tkopri t-territorju kollu tal-komuni li ġejjin: Giffoni Valle Piana, Giffoni Sei Casali, San Cipriano Piacentino, Fisciano, Calvanico, Castiglione del Genovesi, Montecorvino Rovina; kif ukoll parti mill-komuni li ġejjin: Baronissi, Montecorvino Pugliano, Olevano sul Tusciano, San Mango Piemonte, Acerno.

4.4 *Prova tal-oriġini:*

Is-siġar tal-ġellewż li huma eliġibbli għall-produzzjoni tan-"Nocciola di Giffoni" huma mniżżlin f'reġistru li jinżamm mill-aġenzija ta' kontroll, u kopja tiegħu tingħata lill-komuni li huma inklużi fiż-żona ġeografika.

Minbarra hekk, il-prova tal-oriġini hija assigurata billi jinżammu reġistri ta' produzzjoni u billi jiġu ddikjarati fi żmien opportun il-kwantitajiet prodotti.

4.5 *Metodu ta' produzzjoni:*

Il-kundizzjonijiet tal-ambjent għall-kultivazzjoni tas-siġra tal-ġellewż li tintuża għall-produzzjoni tal-ġellewż ta' Giffoni għandhom ikunu l-kundizzjonijiet tradizzjonali tar-reġjun, jiġifieri huma għandhom jagħtu lill-prodott il-karatteristiċi speċifiċi tiegħu ta' kwalità.

Id-distanza tat-tħawwil, il-metodi ta' kultivazzjoni u d-daqs għandhom ikunu dawk li japplikaw is-soltu; id-densità m'għandhiex tkun aktar minn 660 pjanta għal kull ettaru u l-metodi ta' kultivazzjoni għandhom ikunu sistemi ta' arbuxelli b'ħafna zkuk, jew siġar miżburin b'forma ta' skutella jew ta' arbuxelli.

Jistgħu wkoll jinżabru b'forma ta' Y jew sies tal-ħaxix sakemm ikunu rispettati l-karatteristiċi ta' kwalità u b'numru ta' pjanti ta' mhux aktar minn 1,000 għal kull ettaru.

Il-produzzjoni unitarja massima awtorizzata hija stabbilita għal 40 q għal kull ettaru f'kultivazzjoni speċjalizzata.

4.6 *Rabta:*

L-eżiġenzi tal-ġellewża ta' Giffoni huma relatati mal-ambjent u ma' fatturi naturali u umani taż-żona ta' produzzjoni. B'mod partikolari, il-ġellewża ta' Giffoni hija kkultivata f'bijotopu lokali li jiffavorixxi l-karatteristiċi tal-pjanta fil-preżenza ta' fatturi klimatiċi taż-żona definita, li qiegħda f'territorji tal-Campania li jkabbru l-ġellewż. F'din iż-żona, il-varjetà "Tonda di Giffoni" issib l-ambjent favorevoli tagħha, għax il-ħamrija, li għandha natura u oriġini vulkanika, toffri l-aħjar kundizzjonijiet ta' fertilità.

4.7 *Struttura ta' kontroll:*

Isem:	IS.ME.CERT
Indirizz:	Via G. Porzio, Centro direzionale Isola G/1 Scala C I-80143 Napoli
Tel.:	081-787 97 89
Fax:	081-604 01 76
Email:	—

4.8 *Tikkettjar:*

Il-ġellewża ta' Giffoni għandha tinbiegħ f'boroż għall-prodott fil-qoxra, jew f'boroż jew laned għall = ġewża mingħajr il-qoxra.

F'kull każ, il-kliem "Nocciola di Giffoni", "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" u s-simbolu grafiku li jikkorispondi għandhom jidhru fuq l-ippakkjar.

4.9 *Rekwiżiti nazzjonali*

—